Marzu 2010—Nru. 362

# it-Triq

ma' KRISTU l-ferħ possibbli

www.it-triq.org



# Jikkraxxja l-ajruplan
**(}sieb fuq il-qoxra ta' barra)**



Kien f'Marzu tal-1953 meta ajruplan beda vjaġġ minn Dublin lejn Birmingham, fl-Ingilterra. Barra l-ekwipaġġ, kien hemm sitta u għoxrin passiġġier.

Meta kienu kważi waslu Birmingham, waħda mill-magni waqfet, u ftit minuti wara, waqfet wkoll il-tieni waħda. L-'istewardess' ġiet ordnata biex tgħid lill-passiġġieri jintrabtu biċ-ċinturin tas-sigurtà. Din bil-ħlewwa kollha għamlet kif imġiegħla.

Il-passiġġieri bdew jibżgħu, u talbu spjegazzjoni ta' x'kien qed jiġri. Fi ftit kliem, it-tfajla qaltilhom bil-gravità tas-sitwazzjoni. Imbagħad, niżlet għarkubtejha u b'vuċi għolja qalet: "Sinjuri, jiena nemmen li dan hu l-waqt li għandna nirrikorru għat-talb!" Hija ħarġet kuruna tar-Rużarju mill-but, u b'vuċi ċara qalet l-Att ta' l-Indiema; imbagħad b'kalma kbira bdiet ir-Rużarju sabiex Omm Alla tinterċiedi u jinżlu l-art qawwijin u sħaħ.

Sadattant il-pilota, konxju li kienu niżlin b'ċerta ħeffa, beda jgħarrex għal xi biċċa art fejn seta' jniżżel l-ajruplan. Lemaħ għalqa, u wara li qaċċat siġra u waqqa' xi ċnut, l-ajruplan tilef il-ġwienaħ u tkaxkar biċċa sew ma' l-art. It-tkaxkira ċarrtet l-ajruplan minn taħt. L-ewwel nies li waslu fuq ix-xena tad-diżgrazzja ċċassaw: ma setgħux jemmnu meta raw il-passiġġieri kollha ħerġin minn qalb il-fdal ta' l-ajruplan, kompletament f'saħħithom. Kulħadd kien salva!

Meta l-passiġġieri ġew avviċinati biex jagħtu l-verżjoni tagħhom ta' x'kien ġara, kollha kemm huma wieġbu li kienet il-Verġni Mbierka li ħelsithom, flimkien mal-fidi u l-fiduċja sħiħa li kellha dik il-brava 'stewardess'.

---

Ħabiba tagħna ġentilment offriet l-ispejjeż ta' din il-ħarġa ta' Marzu 2010. Waqt li nirringrazzjawha, nixtiqukom tingħaqdu magħna fit-talb għall-bżonnijiet tagħha, u għal ruħ il-ġenituri tagħha John u Annie u z-zija tagħha Lucy Borg. Grazzi.

Id-Direzzjoni

it-Triq
ma' KRISTU
l-ferħ possibbli

**fuljett ta' kull xahar maħruġ minn grupp ta' talb fost Il-Ħaddiema**

**Nru. 362**
**Marzu 2010**

# *Ir-Randan tiegħek*

*(Editorjal)*

Ħbieb,
Ir-Randan hu żmien ta' riflessjoni. Qed joffrielna mumenti li fihom neżaminaw kif ninsabu fir-relazzjoni tagħna ma' Alla, u ma' dawk ta' madwarna.

<u>Ir-relazzjoni tagħna ma' Alla:</u>
X'post għandu l-Mulej fil-ħajja tagħna? Veru nemmnu li bih biss ikollna l-paċi nterna, u li mingħajru m'aħna xejn? Veru nemmnu dak li stqarr Santu Wistin: "…qalbna ma' ssib qatt mistrieħ jekk ma tistrieħx fiH". Naħsbu ftit dwar dan, u nitolbu b'mod sinċier lill-Mulej sabiex jgħinna negħlbu kull tfixkil li bla dubju niltaqgħu miegħu kuljum fil-mixja tagħna lejH.

<u>Ir-relazzjoni tagħna ma' dawk ta' madwarna:</u>
Dawn ħutna meta nfittxuhom? Meta jkollna bżonnhom biss? U meta jeħtieġu l-għajnuna tagħna? X'nagħmlu? Kemm aħna sensittivi u attenti għall-bżonnijiet ta' dawk ta' madwarna? Nagħmlu tajjeb ħafna meta lil ħutna nfittxuhom mhux biss meta rridu xi ħaġa, imma meta naraw u nindunaw li huma jinsabu fil-bżonn. Kemm hi ħaġa ta' min ifaħħarha li nkunu pronti u miftuħin biex ngħinu lil min jeħtieġ xi tip ta' għajnuna, u li nagħmlu dan bl-aktar mod kwiet u diskret.

Dan hu fuq kollox l-iskop tar-Randan: li neżaminaw l-imġieba tagħna, biex fejn m'aħniex mixjin tajjeb, nitolbu l-għajnuna Divina u nbiddlu r-rotta. Imbagħad inkunu tassew mexjin 'il quddiem.

## Folks in Heaven



I was shocked, confused, bewildered
As I entered Heaven's door,
Not by the beauty of it all,
Nor the lights or its decor..

But it was the folks in Heaven
Who made me sputter and gasp--
The thieves, the liars, the sinners,
The alcoholics and the trash.

There stood the kid from seventh grade
Who swiped my lunch money twice.
Next to him was my old neighbor
Who never said anything nice.

Herb, who I always thought
Was rotting away in hell,
Was sitting pretty on cloud nine,
Looking incredibly well.

I nudged Jesus , 'What's the deal?
I would love to hear Your take.
How'd all these sinners get up here?
God must've made a mistake.

'And why's everyone so quiet,
So somber - give me a clue.'
'Hush, child,' He said, 'they're all in shock.
No one thought they'd be seeing you.'

---

**Remember....**
**Just going to church doesn't make you a Christian**
**any more than standing in your garage**
**makes you a mechanic.**

---

# Kif tefgħu t-tarbija l-baħar!



L-Ingliż John Lawrence ħadem kemm felaħ biex isem l-Ingilterra jkun stmat fl-Indja. Bejn is-snin 1829 u 1868 John kellu diversi karigi li kollha qdihom bl-unuri. Madwar is-sena 1857, bil-kapaċità tiegħu, flimkien ma' diplomazija kbira, irnexxielu jwaqqaf firdiet kbar li kien hemm bejn tribujiet differenti. Dawn l-interventi tiegħu wassluh għal-laqam ta' 'Salvatur ta' l-Indja'.

Iżda, minkejja dal-ġid li għamel, hu baqa' dejjem saqajh fl-art u kapaċi jinżel għall-livel ta' kulħadd kif turi din l-istorja.

Kienet is-sena 1863 meta Lawrence kien sejjer fuq xogħol lejn l-Ingilterra. F'dak iż-żmien kien għadu kif laħaq il-Gvernatur Ġenerali ta' l-Indja. Fost l-ħafna nies li kienu miegħu fuq il-vapur, kien hemm mara b'tarbija li kienet tibki bil-lejl u bi nhar. Dan kien jiġri għax l-omm xejn ma kienet tagħti każ it-tarbija tagħha.

Il-passiġġieri tant dejqithom din is-sitwazzjoni, li waslu sabiex saħansitra heddew lill-omm li se jitfgħu t-tarbija l-baħar jekk mhix se tieħu ħsiebha. Meta Lord Lawrence sema' b'dak li kien qed jiġri, qalbu tqanqlet.

Qabad it-tarbija, poġġieha fuq irkobbtejh u beda jilgħab magħha. Dam sejjer hekk għal ħafna ħin. Dik it-tarbija nġibdet lejh u bdiet tmur tfittxu hi stess. Spiċċa l-biki kollu u komplew il-vjaġġ fil-paċi.

Is-sentimenti nobbli ta' John Lawrence għenuh biex jirbaħ lejh nies politkanti akkaniti, kif ukoll tarbija nnoċenti...li saru jħobbuh ħafna.

---

**What is most valuable is not what you have in your life, but who you have in your life."**

---

# ‘Il-Mulej ihenn ghall-qattelin!’

Fl-24 ta’ Marzu 1980 – 30 sena ilu – id-Dinja nħasdet bil-mewt traġika ta’ l-Arċisqof Oscar Romero, li nqatel waqt quddiesa li kien qed imexxi fi Knisja ċkejkna f’San Salvador, l-Amerika t’Isfel.

Dan l-Arċisqof kien il-bniedem ta’ kulħadd, tant li kien jixraqlu l-kliem ta’ Ġesù: “Ir-Ragħaj it-tajjeb jagħti ħajtu għan-nagħaġ tiegħu” (Ġw10, vers 11).

L-Arcisqof Romero, dak in-nhar waqt il-quddiesa, kien għadu kif tkellem fuq il-ġustizzja u l-paċi, li tant kienu mkasbrin f’pajjiżu. Waqt l-Elevazzjoni, tinstema’ sparatura. L-Arċisqof jaqa’ ma’ l-art, imma hu u nieżel jgħajjat “Il-Mulej iħenn għall-qattelin”. U demmu tħallat mad-demm ta’ Kristu!

Oscar Romero miet għax ma felaħx jara pajjiżu mbiċċer mill-vjolenza organizzata minn dawk li kienu fil-poter. Fih il-Knisja sabet vuċi qawwija u soda li taqbeż għall-fqir u l-batut. L-Awtoritajiet kienu ilhom jhedduh biex jiskot. Imma r-ragħaj it-tajjeb ma jaħrabx meta jara l-lupu ġej. Kien tassew saċerdot tal-poplu. Ħabb lill-foqra u lill-imjassrin bil-fatti, u mhux bil-kliem biss.

Illum il-priedki tiegħu għadhom jinqraw b’ħeġġa kbira minħabba l-messaġġi diretti li fihom għall-Insara, biex b’kuraġġ jaħdmu għall-ġustizzja soċjali. Ħallas prezz għoli ... b’ħajtu stess ... għal dak li emmen u ddikjara bl-aktar mod elokwenti. L-eżempju ta’ l-Arċisqof Oscar Romero, b’ħajja kuraġġuża u mewta traġika, għandu jispira lil dawk kollha li jaħdmu favur id-dinjità umana u l-ġustizza soċjali.

Fis-sena 1997, il-Papa Ġwanni Pawlu II approva d-dokumeni fuq il-ħajja ta’ dan l-Arċisqof u tah it-titolu ta’ “Serv ta’ Alla”.

## *Waslu l-Eżerċizzi*

Bħalma tafu, ir-Randan qiegħed fl-aqwa tiegħu, bi tħejjija sħiħa għall-festa hekk importanti ta' l-Għid il-Kbir. Kif għamilna kull sena, ser norganizzaw l-Eżerċizzi Spiritwali għall-ħaddiema tal-Gvern u Ħbieb.

Dettalji ta' dawn l-Eżerċizzi huma li ġejjin:

| | |
|---|---|
| Id-dati huma: | Mit-Tnejn 8 ta' Marzu sal-Ġimgħa 12 ta' Marzu, 2010 |
| Il-post hu: | Il-Knisja ta' San Franġisk, il-Belt |
| Il-ħin hu: | Fin-12.35pm (matul il-*Break*) |
| Il-Kelliemi hu: | Il-Kanonku John Ciarlò |

Ħbieb, inħeġġukom sabiex magħna tattendu għal dawn il-laqgħat, li issa saru ferm popolari magħkom.

---

***Tħallihx jistenna !*** Iva, il-Mulej qed jistiednek biex għal dan ir-Randan tgħaddi ġurnata fil-kwiet Miegħu.

Din il-ġurnata ser tkun il-Ħadd, 21 ta' Marzu 2010.

Il-post fejn ser issir se jkun is-St. Joseph Retreat House, Rabat

L-Irtir jibda għall-ħabta tad-9.15 am u jispiċċa għat-3.00pm., u ser jinkudi quddiesa.

Ser imexxi din il-ġurnata l-Kanonku John Ciarlò.

Il-ħlas, li jinkludi t-te' ta' fil-għodu, l-ikla ta' nofs in-nhar, u l-użu tal-post, hu ta' €15.

Trid tkun taf aktar dettalji? Trid tinkiteb għal dan l-irtir? Mela jekk jogħġbok, ċempel fuq in-numru 21440384.

*Ftakar li l-Mulej qiegħed jistennik!*

# ferħ ta' veru

*Meta ż-żgħażugħ Taljan, Aldo Marchetti, għalaq 18-il sena, sar jaf li kellu l-marda Poliartrite Deformanti, li wara żmien ta' tbatijiet kiefra, kellha twasslu għat-tmiem ta' ħajtu.*

Aldo wera x-xewqa li jmur Lourdes, mhux biex jitlob il-fejqan tal-ġisem, imma biex Alla jagħtih il-qawwa li jaċċetta t-tbatijiet li ried joffri għall-midinbin, u biex titwettaq ir-rieda ta' Alla. Il-kura kollha, mimlija tbatija, ma swiet għal xejn.

Il-marda kompliet tinxtered ma' ġismu kollu, u bdiet tmisslu għajnejh. Il-ħsieb li jsir għami kien iwerwru, però baqa' mistagħġeb kif meta wasal id-dlam, ġieh il-kuraġġ li jiċċaħħad anki minn dan id-don li tant kien għal qalbu. Lil ommu qalilha: "Ma, jien ferħan anki bla ma nista' nara iktar il-ġmiel tad-dinja. Jien żgur li għad nara il-ġmiel tal-Ġenna. Kull darba li naħseb fil-Ġenna, qalbi tkun trid tinqasam bil-ferħ".

Wara waħda mill-kriżijiet, Aldo dar lejn ommu u qalilha: "Mà, lesti ruħek għax qed joqrob iż-żmien li nitlaq! Tibkix. Int għandek il-fidi, żgur li ma tikkonslax biss għax ma nibqax inbati, imma l-iktar għax inti żgura li jkun qiegħed jistennieni l-ferħ tal-Ġenna, fejn niltaqa' ma' Ġesù u ma l-Madonna".

Alla ħalaqna biex inkunu tassew ferħana, mhux għal ftit żmien f'din il-ħajja, imma għal dejjem Miegħu fil-Ġenna. Għandna nkabbru l-fiduċja f'Marija, li hi ommna, u għalhekk lesta li tfarraġna f'waqtiet ta' tbatija, kif farrġet lil Binha Ġesù bil-preżenza tagħha taħt is-salib fuq il-Kalvarju.

# Iċ-Ċaħdiet ta' Pietru



Meta Ġuda bies lil Kristu
Is-suldati qabdu fiH,
U ħaduh fil-palazz magħhom
Biex in-nies malajr tixlih.

Pietru baqa' miexi magħhom,
Isegwihom ftit mill-bogħod,
U x'ħin kebbsu n-nar fil-bitħa
f'nofshom qagħad bil-bard
jirtogħod.

Hemm lemħitu waħda mara,
U għajnejha waħħlet fih.
'Dan ukoll kien miegħu, dar-raġel!'
W'ħarġet idha biex turih.

Pietru ċaħad u qalilha:
'Dak ir-raġel ma nafux!'
U bħal speċi nħeba naqra
Biex in-nar żgur ma jikxfux.

Wara ftit għarfu ħaddieħor
Kif imdawwar kien bil-friex.
Iżda Pietru reġa' ċaħad;
'Le ħabib, jien żgur m'inix!'

Wara siegħa, rah raġel ieħor.
'Galilew dan, żgur kien miegħu!'
Iżda stqarr: 'Ma nafx x'int tgħidli!'
Tah il-ġenb, ma tax kas tiegħu.

Minnufih is-serduk idden
Kif kien għadu hemm fis-skiet.
U mal-ħarsa li tah Kristu,
Ftakar f'dawk it-tliet ċaħdiet.

Pietru ħareġ jibki 'l barra
Għax tassew iddispjaċih.
Qalbu ħassha ser tinqasam
Għax bil-kbir ħass l'offendih.

Nista' wkoll niċħad lil Kristu
Mhux daqs Pietru, tliet darbiet,
Iżda għal ħafna drabi aktar,
Meta naqa' f'tant dnubiet.

*Ġanni Camilleri*

## “Mamma mia, qed joqorbu l-eżamijiet”



Tfajla kienet tħossha mdejqa wisq malli kienet taħseb fuq l-eżamijiet ta’ l-iskola, u malli kienu joqorbu, erħilha tagħmel il-buri u tħossha qalbha sewda. Biex tagħmlilha kuraġġ, darba ommha qaltilha bil-ħlewwa: “Ara binti, flok ma toqgħod taħseb fuq l-eżami li jkun riesaq lejk, għaliex ma taħsibx fiċ-ċans kbir li tifraħ dak in-nhar li joħroġ ir-riżultat, u fil-btala li se mmorru flimkien wara li tgħaddi”.

Aktarx li lkoll kemm aħna nbatu u nkunu anzjużi iżjed milli jmissna għaliex ma nafux inħarsu lil hinn mill-problemi li jkollna. Ikollna xi jkollna, jaqblilna iżjed kieku ngħixu bil-ħsieb f’moħħna, mhux ta’ dak li nkunu għaddejjin minnu f’dak il-waqt, imma ta’ meta l-iebes jgħaddi u nkunu fi żmenijiet aħjar. Xejn ma jiġi biex jibqa’ ... kollox jgħaddi.

Jekk dan il-ħsieb inzommuh quddiem għajnejna f’kollox, kemm għandna nżommuh iżjed u iżjed fejn tidħol it-tgawdija ta’ dejjem. Ma għandna ninsew qatt li hemm eternità tistenniena. U allura nbatu kemm inbatu hawn f’ħajjitna, id-dwejjaq ta’ din id-dinja m’hu xejn ħdejn l-eternità ta’ hena li Alla ħejja għal min isalva.

Inkunu għaqlin u nifhmuha sew din. U kuraġġ, mela! Inħarsu ’l quddiem!

---

**Calm Seas Never Make Skilful Sailors**

---

# Niżżel fid-Djarju tiegħek



**NIŻŻEL FID-DJARJU TIEGĦEK**

**Il-Ġimgħa, 5 ta' Marzu, 2010**
L-Ewwel Ġimgħa tax-Xahar
Ikollna Quddiesa fil-Knisja ta' San Franġisk, il-Belt.
Il-ħin ikun fin-12.35 pm;

**Mit-Tnejn 8 ta' Marzu, sal-Ġimgħa, 12 ta' Marzu, 2010**
Eżerċizzi Spiritwali
Fil-ħin tal-Break, jiġifieri fin-12.35 pm, ser ikollna l-Kors ta' l-Eżerċizzi Spiritwali fil-Knisja ta'
San Franġisk, il-Belt
Aktar dettalji ssibuhom f'paġna 5 ta' din il-ħarġa;

**Il-Ħadd, 21 ta' Marzu, 2010**
Ġurnata mal-Mulej
Ikollna jum ta' ġabra flimkien mal-Mulej u magħkom, Ħbieb tagħna.
Id-dettalji kollha ta' dan l-Irtir issibuhom f'paġna 5;

**Il-Ġimgħa, 26 ta' Marzu, 2010**
Tifkira tad-Duluri
F'dan il-jum ta' devozzjoni lejn it-tbatija li ġarrbet Ommna Marija waqt il-Passjoni ta'
Binha Ġesù, ser ikollna Quddiesa fil-Knisja ta' San Franġisk, il-Belt, fin-12.35 pm.

---

To get out of a difficulty, one usually must go through it.

Happiness is enhanced by others
but does not depend upon others

# Rokna Ċajt



'Wenz,' qal bidwi lill-ieħor.
'Dak il-ħmar li bgħattli l-ġimgħa L-oħra!'
'Iva, jaqaw,' wieġbu Wenzu.
'Mietli l-bieraħ!' qallu l-bidwi.
'Isma' x'kull waħda! Veru li kien naqra stramb dak il-ħmar, imma naħliflek li biċċa bħal din qatt ma għamilha qabel!'

---

Raġel ittella' l-qorti u l-maġistrat qallu: 'Taf li diġa' tajjart ħamsa min-nies?'
'Le sinjur, erbgħa tajjart, għax wieħed minnhom tajjartu darbtejn.'

---

Pawlu ltaqa' ma' sieħbu Stiefnu u ... 'Aqta' xi ġrali Stiefnu ... tlift il-kelb.'
'Għax ma ġġibx avviż fil-gazzetta.'
'Tgħidx ħmerijiet! Mela l-kelb jaf jaqra?!'

---

'Pawl, jien jidhirli li dil-ħabta qed tixrob wisq.'
'Iva Ċikk, nixrob biex ninsa.'
'X'tixtieq tinsa?'
'Heqq, ma niftakarx!'

*meħudin mill-ktieb:*
*'Ta' Lanqas Tbissem'*

**Kull korrispondenza għandha tintbagħat lil:**
**Paul Schembri**
**73 'Terezita', Triq Birbal, Balzan BZN 9015**
**Tel: 21440384**
**e-mail: it-triq@camline.net.mt**
**url: www.it-triq.org**